

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Novembru 2014 – Carlo De Nicola vs BEI

(Kawża F-55/08 RENV) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Rinviju għall-Qorti Ġenerali wara annullament — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Illegalità tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għad-danni)

(2014/C 462/46)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: G. Nuvoli u F. Martin, aġenti, assistiti minn Mme A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Minn naħa, l-annullament parzjali ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli li tikkonċerna l-evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2006 u, min-naħa l-oħra, l-istabbiliment tal-fatt li r-rikorrenti huwa vittma ta' fastidju psikoloġiku kif ukoll il-kundanna tal-konvenut sabiex iwaqqaf l-attivitàjiet ta' fastidju u li jikkumpensa d-dannu morali u materjali.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli tal-Bank Ewropew tal-Investment tal-14 ta' Diċembru 2007 hija annullata.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2007 li ma jiġix promoss ir-rikorrent, fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2006 u fuq it-talbiet intiżi għall-kumpens għall-allegati danni minħabba l-fastidju psikoloġiku.
- 3) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud. *Le recours est rejeté pour le surplus.*
- 4) Il-Bank Ewropew tal-Investment għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn C. De Nicola fil-Kawżi F-55/08, T-37/10 P u F-55/08 RENV.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 15/08/2008, p. 73

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Novembru 2014 – Carlo De Nicola vs BEI

(Kawża F-52/11) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Fastidju psikoloġiku — Proċedura ta' investigazzjoni — Rapport tal-kumitat ta' investigazzjoni — Definizzjoni żbaljata tal-fastidju psikoloġiku — Deċiżjoni tal-President tal-BEI li ma jintlaqax l-ilment — Annullament — Rikors għal kumpens)

(2014/C 462/47)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)